**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 32**
**Rik. Gur. Nru. 492/15 JZM**

**FIMBank p.l.c. (C17003)**

***kontra***

**Heavy Melting Scrap Limited (C55799); Vincenzo Di Grandi (detentur tal-passaport taljan AA2701857)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-22 ta` Mejju 2015 li jaqra hekk–

*1. Fit-22 ta` Mejju 2012, is-socjeta` Heavy Melting Scrap Limited ("**HMS**") dahlet fi ftehim mal-bank rikorrenti FIMBank p.l.c. ("**Fimbank**") permezz ta` liema HMS inghatat facilita` bankarja konsistenti f`With Recourse Uncommitted Revolving Trade Finance Facility (ara Dok FIM 1). Fit-22 ta` Frar 2013, kien hemm emenda ghal dan il-ftehim (Dok FIM 2) kif ukoll emenda ohra sussegwenti li saret fis-17 ta` Mejju 2013 (Dok FIM3) (Dawn il-ftehemiet, meta*

*jittiehdu flimkien u ser jigu msejha bhala "**Il-Facilita**"). Skont din il-Facilita` s-socjeta` HMS nghatat l-opportunita` li tissellef sa massimu ta` US $10,000,000. Il-Facilita` giet operata tramite kont bankarju li gie miftuh minn Fimbank bin-numru 003803-ODAC-EUR-012 liema kont dejjem gie gestit f`Ewro.*

*2. Fit-22 ta` Mejju 2012, l-intimat Vincenzo Di Grandi dahal fi ftehim mal-Fimbank fejn ikkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali flimkien mal-HMS ghall-hlas lura ta` kwalunkwe dejn mhux saldat li jista` jkun hemm ai termini tal-ftehim iffirmat mill-HMS fit-22 ta` Mejju 2012 (Ara Dok FIM4). Dan il-ftehim ta` garanzija gie sussegwentement emendat fis-17 ta` Mejju 2013 sabiex jirrifletti l-Facilita` u sabiex jigi ccarat li s-sur Di Grandi qed jikkostitwwi ruhu bhala garanti solidali flimkien mal-HMS ta` kull dejn mhux saldat ai termini tal-Facilita` (ara Dok FIM 5) (iz-zewg ftehemiet flimkien ser jittiehdu flimkien u ser jissejhu "**Il-Garanzija**" ).*

*3. Ai termini tal-Facilita` l-ammonti mislufin minn Fimbank kellhom jigu mhallsa sat-23 ta` Awissu 2014. Dan id-dejn baqa` ma` thallasx u l-ammont pendenti, inkluz l-interessi sal-11 ta` Marzu 2015 kien ta` €4,252,126.34.*

*4. In-nuqqas ta` hlas tad-dejn hawn fuq deskritt, kien jikkostitwixxi Default skont il-Facilita`, b`mod partikolari issir referenza ghall-klawzola 6 tad-dokument FIM1 li jipprovdi:*

> *"6.1 The Lender may by written notice to the Borrower terminate its duty to make the Facility available to the Borrower or if the Facility shall have been advanced demand the immediate repayment thereof (together with interest thereon, and all other sums due under this Facility Letter or the Security Documents) on the occurrence of one of the following events:*
>
> > *6.1.1 The Borrower and/or Guarantors shall fail to pay to the Lender any amount (whether in respect of principal or interest or otherwise) payable to the Lender under the Facility or any of the documents set out in the Security Documentation clause on the due date of payment"*

*5. Nonostante diversi interprellazzjonijiet, id-dejn baqa` ma thallasx.*

*6. Fit-12 ta` Marzu 2015, is-socjeta` Fimbank baghtet ittra lis-socjeta` HMS (ara Dok FIM 6) fejn infurmat lis-socjeta` intimata li l-hlas tad-dejn li kellu jsir taht il-Facilita` ma sarx, bil-konsegwenza li HMS naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha. Fimbank infurmat lil HMS li l-ittra kienet qed tintbaghat bhala Notice of Default ai termini tal-klawzola 6 tal- Facilita`. Fimbank talbet lis-socjeta` HMS thallasha l-ammont ta` €4,252,126.34, liema ammont jinkludi l-imghax sal-11 ta` Marzu 2015, fi zmien tlett ijiem mid-data*

*ta` l-ittra. Fimbank infurmat ukoll lis-socjeta` HMS li l-Facilita` giet itterminata b`effett immedjat. Dan il-hlas, sad-data ta` llum, ghadu ma sarx.*

*7. Fit-12 ta` Marzu 2015, Fimbank baghtet ittra lil Vincenzo Di Grandi, bhala garanti skont il-Garanzija fejn talbitu ihallas id-dejn li gie arrekat mis-socjeta` HMS ai termini tal-Facilita` fiz-zmien tlett ijiem mid-data ta` l-ittra (ara Dok FIM 7). Dan il-hlas ma sarx.*

*8. Nonostante dawn id-diversi interpellazzjonijiet ohra mill-Bank rikorrenti, l-intimati naqsu mill-obbligi kuntrattwali taghhom li jhallsu l-ammonti dovuti taht il-Facilita` u/jew il-Garanzija. Illi ghaldaqstant, is-socjeta` Fimbank ma kellhiex ghazla ohra li tipprocedi gudizzjarjament biex tirkupra d-dejn li ma thallasx.*

*9. Fil-fehma ta` Fimbank, l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet x`iressqu ghal din it-talba.*

*10. L-esponenti jaf personalment il-fatti kif esposti f`din it-talba u qieghed ukoll jahlef kontestwalment it-traduzzjoni ta` dan l-att bil-lingwa Taljana.*

*11. Jghidu ghalhekk, l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:*

*11.1 tipprocedi ghas-sentenza skont it-talbiet ta` Fimbank b`dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta` l-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta; u*

*11.2 tiddikjara li l-HMS kissret l-obbligi kuntrattwali taghha taht il-Facilita` u li Vincenzo Di Grandi kisser l-obbligi kuntrattwali tieghu taht il-Garanzija;*

*11.3 tiddikjara li l-bilanc dovut lil Fimbank ai termini tal-Facilita` huwa ta` €4,252,126.34 , oltre` l-imghaxijiet applikabbli skont il-Facilita` sa mill-12 ta` Marzu 2015; u*

*11.4 tikkundanna lil HMS u/jew lil Vincenzo Di Graandi bhala garanti solidali jhallsu s-somma ta` €4,252,126.34 flimkien mal-imghaxijiet applikabbli skont il-Facilita` sa mill-12 ta` Marzu 2015.*

*Bl-ispejjez, u bl-imghax skont il-Facilita` sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u d-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenuti skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat illi l-konvenut Vincenzo Di Grandi u Andrea Di Grandi bhala rapprezentant tas-socjeta` konvenuta dehru ghall-udjenza tal-lum flimkien mal-avukat taghhom u seduta stante pprezentaw nota ta` ammissjoni tat-talbiet kollha attrici.

Rat l-istess nota ta` ammissjoni.

Rat l-atti tal-kawza.

**Fuq ammissjoni tal-konvenuti, taqta` u tiddeciedi l-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenuti, bl-imghaxijiet kif mitluba, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**